MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 937/2003

Kawza fil-lista: 33

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet kontendenti zzewgu fis-6 ta' April, 2002, u fid-9 ta' Settembru, 2002 twieldilhom tifel li nghata l-isem C;

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' eccessi u ngurji gravi, b' dan illi l-hajja matrimonjali

bejniethom giet reza mpossibli, u l-partijiet ilhom separati "de facto" minn Ottubru ta' l-2002.

Premess illi jkun fl-ahjar interess tat-tifel minuri C, fuq imsemmi, li l-kura u l-kustodja tieghu jigu fdati f' idejn l-attrici;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet tal-Qorti Civili, Sekond' Awla moghti fid-19 ta' Awwissu, 2003;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tafda f' idejn l-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri C tal-partijiet;

3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmi binhom C, manteniment xieraq li jkun pagabbli kif jigi ordnat;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u tordna li jigu assenjati lil partijiet dawk il-porzjonijiet mill-komunjoni li jkun jisthoqqilhom skond il-ligi;

6. Tordna lill-konvenut sabiex irodd lura lill-attrici l-beni parafernali taghha;

7. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom taghha bhala xebba;

Bl-ispejjez, komprizi dawn tal-proceduri fil-Qorti Civili, Sekond' Awla, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi ghalkemm huwa minnu illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabilment, dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici konsistenti f’ ingurji gravi, eccessi, sevizzi u abbandun fil-konfront tal-konvenut.

2. Illi t-tieni talba attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan peress illi l-attrici mhijix idonea illi tassumi l-kura u l-kustodja tal-minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici in kwantu l-attrici talbet manteniment ghaliha hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-attrici iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha l-konvenut u ghal ragunijiet ohra fosthom illi hija tista’ u kapaci tahdem.

4. Illi l-eccipjenti jaqbel mar-raba’ u l-hames talba attrici u ma jsibx oggezzjoni ghas-seba’ talba attrici.

5. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda peress illi mhuwiex minnu li l-eccipjenti ghandu fil-pussess tieghu beni parafernali ta’ l-attrici.

Rat il-kontro talba maghumla mill-konvenut rikonvenzjonant u li tinsab a fols.91 u 92 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata u li tinsab a fols.141 sa 143 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit gudizzjarju l-Avukatessa Dottor Anna Mallia, minnha debitament mahluf; kif ukoll ir-rapport tad-diversi esperti nominati, inkluz ir-rapport ta’ l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo nominata kuratrici biex tirrelata dwar l-interessi tal-minuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut peress li l-hajja konjugali bejniethom giet reza mpossibbli minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut isostni li l-hajja konjugali tkissret irrimedjabbilment ghall-istess ragunijiet kontemplati fl-artikolu precitat, kif ukoll abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41, imputabbli lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' April 2002, meta allura l-attrici li kienet gja' harget tqila kellha 18-il sena, u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal perijodu qasir. Fid-9 ta' Settembru 2002 twieled it-tifel C.

L-inkwiet matrimonjali feġġ mill-bidu nett, bir-rizultat li fl-24 ta' Ottubru 2002 il-partijiet isseparaw de facto meta l-attrici telqet mid-dar bit-tifel taghhom, u l-konvivenza matrimonjali li damet biss sitt xhur spiccat.

Illi l-attrici timputa lill-konvenut, allura zewgha, li dana kien nervuz u li idu bdiet issir hafifa fost hafna theddid fis-sens li hekk kif titwieled it-tarbija huwa jehodhielha u lill-attrici jsakkara gewwa; tghid li kien vjolenti maghha u li ma kienx kapaci jiehu hsieb it-tifel, u li kien ghamel pressjoni fuqha biex tohrog tahdem meta t-tifel kien ghadu tarbija, filwaqt li hu kien kappriccjuz u kien jixtri ornamenti tad-dar bid-dejn, spejjez tal-karroza u ta' xaghru.

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-attrici kienet ghazziena u facendi tad-dar ma kienet taghmel xejn u

ghalhekk kien jaghmel kollox hu; jghid li l-qattusa kienet tigi qabblu tant li l-attrici kienet iddahhalha tinhasel maghhom. Il-konvenut jispjega li l-inkwiet wara t-twelid tat-tifel beda ghax lilu kienet twarrbu u ma rieditux ikun parti fit-trobbija tieghu. Huwa jichad li kien vjolenti ma' l-attrici.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali li l-htija tal-firda personali tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet li bil-komportament taghhom, li jikkwalifika ghal 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40, ripetut u abitwali ossia kostanti, irrendew il-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom impossibbli.

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemmx dubju li din hija l-'bone of contention' bejn il-partijiet, kif jixhdu d-diversi rikorsi li saru f' dan ir-rigward, frott ta' pika ezagerata da parti tal-partijiet, partikolarment ta' l-attrici li donna ma tistax tifhem li t-tifel huwa taz-zewg genituri li ghandhom responsabbilita' wgwali fit-trobbija tieghu.

Illi l-Qorti, salv ghal dak li ser jinghad hawn that, tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali, fis-sens li hu fl-interess tal-minuri, li llum ghandu sitt [6] snin, li kemm jista' jkun dan ma kollux tharbit f' hajtu, imma jkollu grad ta' stabbilita' partikolarment fejn tidhol il-kura tieghu u l-modalita' ta' l-access. Taqbel ukoll li, tenut kont ta' l-agir immatur tal-genituri tieghu, jkun fl-interess tal-minuri li s-sitwazzjoni tieghu tigi monitored mill-Agenzija Appogg, bi spejjez ugwali ghaz-zewg partijiet, li ghandha tirrapporta lil din il-Qorti jekk l-interessi tal-minuri jkunu hekk jirrikjedu.

Ferm il-premess il-Qorti tordna li l-kura tal-minuri tkun fdata lill-attrici fis-sens li jghix maghha, filwaqt li l-kustodja tkun kongunta, u li decizjonijiet relatati mas-sahha, ma' l-edukazzjoni u ma' safar tal-minuri ghandhom jittiehdu konġuntivament; jew bl-intervent tal-Qorti jekk ikun mehtieġ.

Illi l-access favur il-konvenut ghal ibnu minuri ikun hekk :kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-4.00 pm sas 7.30

pm; u kull weekend mill-Gimgha 4.00 pm sas-Sibt 12.00pm, u mis-Sibt 4.00 pm sal-Hadd 12.00 pm – b' mod alternat.

Fil-vakanzi tas-sajf l-access jigi estiz hekk:
Kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-4.30 pm sat- 8.30 pm; u kull nhar ta' Gimgha mill-4.30 pm sas-Sibt 8.00pm u nhar ta' Sibt mill-4.30 pm sal-Hadd 8.00 pm – b' mod alternat; u ukoll li fil-jum il-missier l-access ikun mis-Sibt ghal Hadd, filwaqt li fil-jum l-omm l-access ikun mill-Gimgha ghas-Sibt.

Illi fil-Milied l-access ikun mit-3.00pm sas-7.30 pm, u fl-Ewwel tas-sena jkun mid-9.30 am sat-3.30 pm – u dan b' mod alternat kull sena.

Illi fil-birthday tal-minuri l-access tal-missier ikun mill-4.30 pm sas-7.30 pm anke jekk ma jkunx nhar ta' Tlieta jew nhar ta' Hamis.

Illi l-attrici qeda tigi ordnata li tghati l-informazzjoni adegwata dwar is-sahha tal-minuri u l-edukazzjoni tieghu lill-konvenut li minn naha tieghu huwa qed jigi awtorizzat minn din il-Qorti li jiehu kull informazzjoni mill-awtoritajiet koncernati, inkluzi l-ghalliema tal-minuri.

Illi l-Qorti tordna li l-hand over tal-minuri jsir minn hdejn l-ghassa ta' Bormla, u li l-genituri ma jkunux akkompanjati minn membri tal-familja taghhom, that sanzjoni ta' disprezz.

**Manteniment**
Illi rigward dan l-aspett tal-kawza, il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula, u l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali, fir-relazzjoni taghha fis-sezzjoni ntestata "Manteniment"[1] u taddottahom, salv dak li ser jinghad hawn taht.

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici, bhala il-kontribut tieghu ghal-manteniment tal-minuri C, is-somma

[1] Fol.591 *et seq.*

ta' tmienja u hamsin Ewro [€58] fil-gimgha tul il-perijodu sakemm dana jsir maggorenni, jew jibda jahdem bi qligh adegwat. Dan il-manteniment jinkludi l-spejjez konnessi ma' l-edukazzjoni, u spejjez ta' natura ordinarja relatati mas-sahha tal-minuri; ghandu jigi awmentat kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja; u ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut u jintbaghat lill-attrici fl-indirizz rezidenzjali taghha.

Illi sakemm il-minuri jibqa' fil-kura ta' l-attrici, ic-children's allowance u kull beneficju socjali iehor dovut u relatat mal-minuri, ghandu jigi percepit mill-attrici.

Illi mhux qed jigi akkordat manteniment lill-attrici, in vista tal-fatt li din wkoll hija wgwalment hatja tal-firda, li l-konvivenza matrimonjali kienet qasira hafna, u li l-attrici ghadha zghira u ghandha sengha ta' beautician li tista' tezercitaha mid-dar taghha, u wkoll il-Qorti ma gie ravvizat ebda ostakolu li jimpediha milli tahdem bi qligh.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi minn-noti ta' l-osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet jirrizulta li dawna qabblu mal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti maghmula mill-perit gudizzjarju Dottoressa Anna Mallia, u li jinsabu indikati fis-sezzjoni ndikata "Komunjoni Tal-Akkwisti u Oggetti Parafernali" tar-relazzjoni taghha a fols.592 u 594[2] tal-process u li din il-Qorti qeda taddotta fl-intier taghhom [**Appendici A**]; salv ghal dak li ser jinghad hawn that rigward is-somma ta' LM300 rapprezentati valur ta' couch parafernali ta' l-attrici u li nbigh matul iz-zwieg.

Il-Qorti, wara li ezaminat l-affidavits tal-partijiet in propositu, hija propensa li taccetta li din il-pretensjoni tigi pacuta mal-pretensjoni verosimili maghmula mill-konvenut rigwardanti effetti mobbli tal-komunjoni li l-attrici hadet maghha meta telqet mid-dar matrimonjali; u ghalhekk il-konvenut m' ghandu jghati xejn lill-attrici f' dan ir-rigward.

**Decide**

[2] Vol.II

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tat-tnejn;
[2] tilqa' it-tieni talba limitatament kif fuq stabbilit u ndikat that is-sezzjoni "Kura u Kustodja", u tichadha ghall-kumplament;
[3] tilqa' it-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit u indikat that is-sezzjoni "Manteniment" u tichadha ghall-kumplament;
[4] tilqa' ir-raba' u l-hames talba, u tiddisponi mis-sitt talba, kif fuq stabbilit u ndikat that is-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-akkwisti";
[5] tilqa' is-seba' talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' 'Azzopardi'

Tiddecidi dwar il-kontro talba billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens fuq deciz;
[2] tichad it-tieni talba, stante li l-konvenut jahdem b' introjtu adegwat, filwaqt li l-attrici giet fdata bil-kura tal-minuri;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' r-raba' u l-hames talba u tiddisponi mis-sitt talba, kif fuq deciz;
[5] tichad is-seba' talba;

L-ispejjez kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro talba ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom

Tordna li kopja ta' din il-sentenza tigi komunikata lill-Agenzija Appogg a kura tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------